# IL-QORTI ĠENERALI

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Ottubru 2021 – Simpson vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-646/16 P-RENV-RX)** [1]

***("Appell – Servizz pubbliku – Uffiċjali – Rifjut tal-Kunsill li jikklassifika mill-ġdid lill-persuna kkonċernata, wara li għadda minn kompetizzjoni ġenerali, fil-grad previst fl-avviż ta' kompetizzjoni – Ċaħda tar-rikors fuq il-mertu – Appell – Annullament – Sentenza tal-appell eżaminata mill-ġdid mill-Qorti tal-Ġustizzja u annullata – Kawża mibgħuta lura lill-Qorti Ġenerali bħala qorti tal-appell – Obbligu ta' motivazzjoni – Ugwaljanza fit-trattament")***

(2021/C 490/26)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Appellant:* Erik Simpson (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: M. Velardo, avukata)

*Appellat:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: M. Bauer u R. Meyer, aġenti)

**Suġġett**

Appell mid-digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (It-Tieni Awla) tal-24 ta' Ġunju 2016, Simpson vs Il-Kunsill (F-142/11 RENV, EU:F:2016:136), u intiż għall-annullament ta' dan id-digriet.

**Dispożittiv**

1) L-appell huwa miċħud.

2) Erik Simpson għandu jbati l-ispejjeż tiegħu stess kif ukoll dawk sostnuti mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fil-Kawża T-646/16 P.

3) Kull parti għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha fil-Kawżi T-441/18 RENV u T-646/16 P-RENV-RX.

[1] ĠU C 419, 14.11.2016.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' Ottubru 2021 – Aeris Invest vs BĊE**

**(Kawża T-827/17)** [1]

***("Aċċess għal dokumenti – Deċiżjoni 2004/258/KE – Dokumenti relatati mal-adozzjoni ta' skema ta' riżoluzzjoni fil-konfront ta' Banco Popular Español – Rifjut parzjali ta' aċċess – Eċċezzjoni dwar il-protezzjoni tal-kunfidenzjalità tad-deliberazzjonijiet tal-korpi deċiżjonali tal-BĊE – Dokumenti li jirriflettu r-riżultat tad-deliberazzjonijiet tal-korpi deċiżjonali tal-BĊE – Obbligu ta' motivazzjoni – Eċċezzjoni dwar il-protezzjoni tal-politika finanzjarja, monetarja jew ekonomika tal-Unjoni jew ta' Stat Membru – Eċċezzjoni dwar il-protezzjoni tal-istabbiltà tas-sistema finanzjarja fl-Unjoni jew fi Stat Membru – Eċċezzjoni dwar il-protezzjoni tal-kunfidenzjalità tal-informazzjoni protetta bħala tali skont id-dritt tal-Unjoni – Kunċett ta' informazzjoni kunfidenzjali – Preżunzjoni ġenerali ta' kunfidenzjalità – Derogi mill-obbligu tas-sigriet professjonali – Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali")***

(2021/C 490/27)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Aeris Invest Sàrl (il-Lussemburgu, il-Lussemburgu) (rappreżentanti: R. Vallina Hoset u E. Galán Burgos, avukati)

*Konvenut:* Il-Bank Ċentrali Ewropew (rappreżentanti: T. Filipova, D. Báez Seara u F. von Lindeiner, aġenti, assistiti minn M. Kottmann, avukat)